Kunsill Reġjonali Ċentru

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 56

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

Il-Ħamis 18 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' ġewwa l-Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Trevor Fenech – Viċi Sindku San Ġwann
Is-Sa. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Angelo Micallef - Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira (onlajn)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara

ASSENTI

Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

56.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

56.1.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa huwa kien estenda l-istedina għall-laqgħa tal-llum lis-Sindki jew rappreżentanti mit-tliet Kunsilli Lokali li għandhom jingħaqdu mal-maġġoranza tal-lokalitajiet meta jidħol Reġjun Lvant fis-seħħ.

56.1.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif illum kienet preżenti magħna s-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa. Helen Gauci.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

56.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 55 li saret nhar il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

56.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

## 56.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa ma' Transport Malta*

56.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-laqgħa li nżammet nhar it-Tnejn 1 ta' Novembru 2021 inżammet il-laqgħa maċ-Chairman ta' Transport Malta, is-Sur Joseph Bugeja, flimkien mas-Sur Michael Cohen, is-Sur Gilbert Agius, is-Sur Anthony Chircop, is-Sur Pierguido Saliba, is-Sa. Jeanette Galea u hu bħala l-President.

56.3.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif ġew diskussa diversi punti dwar il-problemi li qed jinħolqu bl-iscooters u ġew diskussa suġġerimenti ta' kif tista titjieb is-sitwazzjoni biex dawn jintużaw aħjar u b'mod aktar sikur.

56.3.3 Is-Sur Fenech Adami qali ukll kif, bl-għajnuna tas-Sur Pierguido Saliba, dan ir-Reġjun ressaq punti dwar il-leġislazzjoni preżenti lil TM permezz ta' emejl nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2021 u kopja ta' dan ġiet ippreżentata lil kull membru li kien preżenti waqt din il-laqgħa.

- *Applikazzjoni għal Reġjun Sports 2023*

56.3.4 Il-President informa lill-membri preżenti li ftit tal-ġranet ilu dan ir-Reġjun issottometta l-applikazzjoni u l-persuni kkonċernati nfurmawna li l-applikazzjoni kienet waslitilhom.

56.3.5 Il-President spjega wkoll kif ġew ippreparati ħames kopji sabiex jingħataw lis-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u Għaqdiet Volontarji, is-Sur Clifton Grima, kopja oħra lill-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Fava, kopja oħra lil Kap ta' l-Oppożizzjoni, is-Sur Bernard Grech, u kopja biex tinżamm fl-uffiċini tar-Reġjun.

56.3.5 Is-Sur Fenech Adami spjega wkoll li fil-laqgħa li jmiss ta' l-AKL, ir-Reġjuni ser jiġu mitluba sabiex jippreżentaw ittra bħala turija ta' sapport lejn dan il-proġett.

56.3.6 Hu spjega kif il-pass li jmiss hu li rappreżentanti minn-naħa tagħhom għandhom jiġu jżuru Malta s-sena d-dieħla biex isiru l-preparamenti neċessarji.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

56.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi domandi li xtaqu jressqu.

56.4.2 Peress li ma kien hemm l-ebda domanda mressqa, il-President mar fuq l-item li jmiss ta' l-aġenda.

## 56.5 Rapporti

56.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm rapport x'jiġi mressaq f'din il-laqgħa

## 56.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Kunsill Lokali San Ġiljan*

56.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex taħt Skema Finanzjarja 1/2021 isiru korsijiet tal-Macrame lir-resident.

56.6.2 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

56.6.3 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mingħand dan il-Kunsill sabiex taħt Skema Finanzjarja 2/2021 ser jibbenifikaw is-Soċjetà mużikali Spinola.

56.6.4 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali San Ġwann*

56.6.5 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex taħt Skema Finanzjarja 2/2021 jibbenifikaw l-Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes San Ġwann.

56.6.6 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

56.6.7 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mingħand dan il-Kunsill sabiex issir tibdil fil-proposta oriġinali ta' Skema 1/2021 peress li mhux ser jilħaq jitlesta x-xogħol ta' l-*information stands* għall-kappella u s-CCTVs. Għal din ir-raġuni, is-Sur Fenech Adami nforma lill-membri preżenti li dan il-Kunsill qed jitlob li jinxtara tnax-il bank u jitpoġġew f'diversi postijiet fil-lokalità (€4,600); jinxtara materjal ta' ħadid u injam biex jintuża fil-Via Sagra (€2,500)' jinxtara diżinfettat biex jintuża f'postijiet pubbliċi (€2,500); jinxtraw stone slabs għall-*embelishment* fil-Ġnien Ibiskus (€560).

56.6.8 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

56.6.9 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex taħt Skema Finanzjarja 2/2021 jibbenifikaw is-Soċjetà Mużikali Banda San Pio X.

56.6.10 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

56.6.11 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex jinfurmana li l-Kunsill Lokali ħa deċiżjoni li ma jipparteċipax F'Skema Finanzjarja numru 1/2021 u 2/2021 peress li mhumiex ser ileħqu jħalsu lil kuntratturi sad-data stipulata.

- *Kunsill Lokali Ħ'Attard*

56.6.12 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex taħt skema finanzjarja numru 2/2021 jibbenifikaw s-Soċjetà Mużika La Stella Levantina fejn ser jitħallas it-taħriġ tal-mużika kif ukoll jinxtraw xi instrumenti ġodda.

56.6.13 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Applikazzjoni għat-Tiġded tal-Kuntratt tat-Teleworking*

56.6.14 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda t-talba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Jeanette Galea, sabiex tkun tistà iġġedded il-kuntratt li għandha tat-*teleworking* għal perjodu ta' sena.

56.6.15 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Avveniment tar-Reġjun*

56.6.16 Il-President fakkar lill-membri dwar l-avveniment li ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2021 fl-okkażżjoni ta' tmiem ir-Reġjun Ċentru. Hu spjega kif ħafna mis-servizzi li għandhom jingħataw għal dawn l-avveniment kienu jirrikjedu ġbir ta' kwotazzjonijiet. Għal din ir-raġuni huwa ressaq kwotazzjoni għas-sala.

56.6.17 L-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Corinthia San Ġorg bi prezz ta' €59.25 kull persuna. Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

56.6.18 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet għall-mużika waqt din is-serata u ġiet approvata l-orħos kwotazzjoni provduta.

56.6.19 Il-President informa lill-membri li l-istampar ta' l-inviti flimkien ma' l-envelopes ġew ordnati mingħand Polidano Press.

56.6.20 Il-membri preżenti approvaw din l-ordni.

56.6.21 Il-President ressaq tliet kwotazzjonijiet għal photobooth li ser tkun qed tintuża waqt din is-serata u ġiet magħżula l-orħos kwotazzjoni mingħand Mirror Me għal prezz ta' €389.40.

56.6.22 Il-membri approvaw din il-kwotazzjoni.

56.6.23 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonoijiet sabiex jinxtraw plakkek sabiex jingħataw lis-Sindki u rappreżentanti li kienu qed jattendu l-laqgħat tal-Kunsill Reġjonali Ċentru.

56.6.24 Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjoni mingħand PatrickPrints għal prezz ta' €1684.04.

- *Is-Sindku ta' l-Iklin*

56.6.25 Is-Sur Fenech Adami nforma lill-membri preżenti dwar l-aċċident ikraħ tat-traffiku li kellu s-Sindku ta' l-Iklin flimkien mal-familja tiegħu.

56.6.26 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex jintbagħat bukkett ta' fjuri ġaladarba kollha jinsabu lura d-dar.

- *Xiri ta' għamara*

56.6.27 Il-President informa lill-membri li hemm bżonn li jinxtraw siġġijiet kif ukoll imwejjed sabiex jakkomodaw lis-sitt Uffiċjali Reġjonali li ser ikunu qed jiġu mpjegati ma' dan ir-Reġjun.

56.6.28 Is-Sur Fenech Adami spjega kif għal din ir-raġuni kienu qed jiġu mressqa kwotazzjonijiet u l-membri preżenti qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tara li s-siġġijiet huma ta' kwalità.

56.6.29 Għal din ir-raġuni kien hemm qbil unanimu sabiex is-siġġijiet kif ukoll l-għamara tinxtara mingħand Oxford Ltd.

- *Avveniment b'risq il-Movember*

56.6.30 Il-President informa lill-membri preżenti dwar dan l-avveniment fejn ser jitella billiard tournament fil-każin tal-Boċċi ta' San Gwann nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2021. Kull parteċipant qed jiġi mitlub donazzjoni ta' €5 biex jipparteċipa sabiex is-somma miġbura tingħata bħala donazzjoni. Waqt din is-serata ser ikun hemm preżenti Dott. Pierre Vassallo (radiologist) sabiex jgħati ftit informazzjoni dwar kif raġel għandu jieħu aktar ħsieb jiċċekja dwar sintomi lejn kanċer komuni fl-irġiel.

- *Rimborż għal min attenda Korsijiet offruta mill-Idea Academy*

56.6.31 Il-President informa lill-membri preżenti li, fuq qbil li kien sar fil-laqgħa tar-Reġjun preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet l-ammont ta' nies li kienu ser jieħdu sehem fil-korsijiet tad-Diploma u tal-Masters kif ukoll dawk li lestew jew waslu biex itemmu l-kors.

56.6.32 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu li dawn in-nies għandhom jiġu rifonduti l-ħlas li kien baqalhom jħalsu. B'kollox dan ir-Reġjun ser ikun qed jirrifondi lura l-ħlas ta' sitt persuni.

- *Għeluq l-iskemi finanzjarji*

56.6.33 Il-President reġa fakkar lill-membri preżenti li d-dokumenti kollha meħtieġa għal kull skema finanzjarja maħruġa minn dan ir-Reġjun għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2021.

## 56.7 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

56.7.1 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa kienet għadha miftuħa.

56.7.2 Is-Segretaju Eżekuttiv żiedet tgħid li malli din is-sejħa tkun magħluqa ser jinżammu l-intervisti ġaladarba jkun hemm applikanti bil-kwalifiċi meħtieġa u aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 56.8 Ingaġġar ta' Uffiċjali mal-Kunsilli Reġjonali

56.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar l-intervisti li nżammu nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2021 mil-bord kompost mill-President, mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, u s-Sindku tal-Gżira,

is-Sur Conrad Borg Manche, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun sabiex jinżammu dawn l-intervisti.

56.8.2 Il-President informa li għall-pożizzjoni ta' Ufficjal ta' l-I.T. dan ir-Reġjun kellu intervista waħda u ġie deċiż li s-Sur Jurgen Cachia għandu jkun magħżul għal din il-pożizzjoni.

56.8.3 Għall-pożizzjoni ta' Ufficjal Maniġerjali fuq Fondi Ewropej u Lokali dan ir-Reġjun kellu żewġ applikanti preżenti u ġie deċiż li s-Sa Mariella Strout għandha tkun magħżulha għal din il-pożizzjoni.

56.8.4 Għall-pożizzjoni ta' Ufficjal Maniġerjali tal-Waste dan ir-Reġjun intervista żewġ applikanti u ġie deċiż li s-Sur Ryan Zammit għandu jkun magħżul. Għal din ir-raġuni, Jeanette ser tinforma lis-Sur Zammit bil-miktub sabiex jibda l-impjieg tiegħu minn nhar l-Erbgħa 1 ta' Diċembru 2021.

56.8.5 Għall-pożizzjoni ta' Ufficjal Manigerjali ta' l-Ambjent dan ir-Reġjun għamel l-intervisti nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2021 lil sebgħa applikanti u ġie deċiż li s-Sa Andrea Borg Brincat għandha tkun magħżulha għal din il-pożizzjoni.

56.8.6 Aġġornament dwar dawn ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 56.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

56.9.1 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondata mis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 51A u 51B.

56.9.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 56.10 Mozzjonijiet

56.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 56.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

56.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-18:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 16 ta' Diċembru, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |